# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tnejn (2) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Tlieta 22 ta' Jannar 2013, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat tlett rikwesti għal kwotazzjonijiet għas-sensors [ref punt nru. 3.4].

3.2 Is-Sindku qal li tħassru l-linji s-sofor, u li issa se nħassru l-linji l-bojod ta triq id-Dolmen [ref. punt nru. 3.5].

3.3 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi m'hemm l-ebda update fuq iċ-Championship taċ-ċikliżmu u li se ssir fl-1 ta' Mejju [ref punt nru. 3.6].

3.4 Is-Sindku qal illi l-kaxxi s-sofor issa għandhom isiru u li tneħħew id-double yellow lines [triq Dun Karm Lia] (ref punt nru. 4.1)

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-librara tixtieq tkompli taħdem l-istess ħinijiet [ref punt nru 4.3]. Is-Sindku qal illi nistgħu nużaw kamera li għandna f'parti oħra tar-raħal biex nagħmlu CCTV barra l-librerija. Ikkonferma li l-kamera taħdem bil-lejl wara mistoqsija tal-kunsillier Publius Abdilla.

3.6 Is-Sindku qal illi peress illi l-Kunsill irċieva full development permit għaċ-Child Care Centre, issa nistgħu nibdew il-proċedura biex nakkwistaw l-art [ref punt nru. 4.4].

3.7 Il-Kunsill qabel illi nagħmlu offerta għall-kirja tal-grawnd fejn dawk illi jibbukjaw il-grawnd għal sena sħiħa, jieħdu sagħtejn b'xejn għal kull għaxar siegħat [ref punt nru. 7.1]. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nibdew ngħidu lin-nies dwar din l-offerta.

3.8 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nibagħtu lil dawk kollha li rriklamaw fil-grawnd/fuljett fil-passat biex intuhom l-opportunita li fil-futur jirriklamaw fil-grawnd. Qal illi għandna nissetjaw id-daqs tar-riklami u nagħtu kwotazzjoni skont id-daqs [ref punt nru 7.2].

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat questionnaire lit-tfal li ħadu sehem fil-kors tad-drama biex naraw x'interess hemm għat-term illi jmiss [ref punt nru. 7.4]. Meta nirċievu r-risposta wara d-data tal-laqgħa tal-Kunsill, inkunu nistgħu nistabillixxu kemm se jkun hemm tfal/klassijiet matul il-ġimgħa.

3.10 Is-Sindku qal illi hemm il-possibilta li nagħmlu l-iswitches two-way tas-Sala. Għandu jara x'jista jsir mal-elettriċista.

3.11 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hu tkellem mal-plejer Bulgaru u dan aċċetta li jiġi jagħti training session għat-tfal tan-nursery tagħna [ref punt nru. 7.7]. Qal illi fl-istess ħin jixtieq illi anka jiġu tfal tar-raħal illi ma jagħmlux parti tan-nursery ta' Ħal Safi. Qal ukoll illi t-tfal tan-nursery se jieħdu sehem fit-turnament ta Żurrieq fl-10 ta' Frar bejn 8.30-12 [ref punt nru. 7.8].

3.12 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-Kunsill m'għandu joħroġ l-ebda flus biex isir attivita taz-Zumba fil-pjazza [ref punt nru. 7.9]. Qal illi hemm sponsor [Nina's Accessories] li se tħallas il-kont tal-instructor. Qal illi se jkun hemm stand u t-shirts għall-bejgħ għal "Breast Cancer Awareness". Qal ukoll illi dawk illi se jieħdu sehem fl-attivita għandhom iħalsu €5 u se jieħdu t-shirt għad-donazzjoni tagħhom. Qal illi

għandna nibagħtu lil kull newsroom biex ixandru l-attivita. L-attivita se ssir mill-Kumitat tal-isport b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali.

3.13 Is-Sindku qal illi se nixtru "illuminated vests" għall-ħaddiema li jaħdmu fit-toroq tar-raħal, għax l-oħrajn ħaduhom l-eks ħaddiema tal-IPSL [ref punt nru 7.10]. Is-Sindku qal ukoll illi sar jaf min kien qed jitfa ż-żibel mal-Bring In Sites ta' Qerd in-Naħal [ref punt nru. 7.11] u tkellem magħhom u m'għandhomx jerġgħu jsiru dawn l-abbuzi minn dawn in-nies.

3.14 Il-Viċi Sindku Johan Mula lmenta li mkien ma kien hemm imniżżel fil-Minuti preċedenti li hu ċaħad l-akkużi serji li saru kontrih mill-kunsillier Pietru Pawl Busuttil [ref punt nru. 7.14] (Dawn il-Minuti issa ġew riveduti) u qal illi jiddispjaċih illi ntqal ċertu diskors dwar il-frame-up illi ma kellu assulutament xejn x'jaqsam mal-laqgħa tal-Kunsill.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jerġa jirrepeti dak illi qal, fejn qal illi l-Viċi Sindku Johan Mula għandu nofs is-sengħa ta' kif jagħmel il-frame-ups peress illi huwa iben min kien involut fil-frame-up kontrih fl-1986. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kieku kien għal missier il-Viċi Sindku Johan Mula, kieku llum hu ma jinsabx hawn għaliex missieru kien wieħed minn dawk li riedu jitfawħ għal isfel. Qal ukoll illi li kien għal missier il-Viċi Sindku, il-mara tiegħu ilha armla għal 26 sena.

Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-kunsilier Pietru Pawl Busuttil m'għandux għalfejn jgħid dawn l-affarijiet madwar il-mejda tal-Kunsill u li hu għandu dritt jiddefendi lilu nnifsu minn dawn l-attakki u akkużi serji. Talab ukoll għall-protezzjoni tas-sedja. Qal ukoll illi fl-1986 hu kien għad kellu biss 10 snin u ma jistax jifhem għalfejn qed jeħel hu ma li ġara dakinhar. Fakkar lill-kunsillier Pietru Pawl Busuttil illi missieru qatt ma' tressaq jew instab ħati fl-ebda qorti li hu wettaq xi frame-up u zied illi wara l-1987, taħt gvern differenti, missieru ingħata żewġ promozzjonijiet għal Supretendent u Assistent Kummissarju tal-Pulizija.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi m'għandux dubju li l-Viċi Sindku Johan Mula kien involut fil-kitba tal-messaġġ li ġie meħmuż mal-fuljett bħala risposta għall-messaġġ tiegħu [Diċembru 2012] u li m'għandux jaħbi minn dan. I-Viċi Sindku Johan Mula reġa ċaħad dan kollu u s-Sindku reġa refa r-responsabilita kollha fuq dan il-messaġġ.

Wara li saru dawn l-akkużi gravi kontrih u kontra membru tal-familja tiegħu, il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi se jirreserva d-dritt illi jieħu kwalunkwe passi li jidhirlu li huma neċessarji, filwaqt illi reġa qal illi

dan id-diskors m'għandux isir madwar il-mejda tal-Kunsill. Wara kollox in-nies tar-raħal ma jinteressahomx mill-problemi personali tal-kunsilliera pero' jistennew minnhom li jiddiskutu affarijiet relatati mat-tmexxija tal-Kunsill. Jiddispjaċih ħafna li l-laqgħa tal-Kunsill irrendiet ruħha f'dan il-mod, pero' la darba qed jiġi attakkat personali jkollu bilfors jiddefendi lilu nnifsu.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-Viċ Sindku Johan Mula missu jistħi jitfaċċa quddiemu wara li hu ċert illi missieru kien involut fil-frame-up kontriħ. Is-Sindku qal illi jekk jerġgħu jkomplu b'dan id-diskors se jwaqqaf il-laqgħa tal-Kunsill.

3.15 Is-Sindku qal illi nġabret is-sleeping policeman [ref punt nru 7.15] ta triq Tal-Ajżar.

**4. Korrespondenza**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'aħna se nieħdu l-ebda fondi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għaż-żewġ proġetti tal-Ġnien ta' Ball, jew għaċ-Child Care Centre. Dawn kienu fondi li l-Kunsill applika għalihom fl-2011 [Memo's 63, 87 u 139 ta' 2011]

4.2 Il-Kunsill qabel illi nħawlu s-siġar endemiċi fil-Ġnien Sir Alexander Ball [ġo pots jew boroz] wara talba mill-iskola, izda mhux qabel illi l-iskola tispeċifika eżatt x'jixtiequ minn naħa tal-Kunsill. Qablu li jekk hemm bzonn ta' ġardinar, il-ġardinar tal-Kunsill ikun jista jieħu ħsiebhom. Bħala alternattiva qalu li dawn jistgħu jsiru ġo pots, jew boroz, u jibqgħu fl-iskola stess.

4.3 Il-Kunsill irċieva talba biex il-bankini ġo triq il-Kenn jiġu rranġati. Is-Sindku qal illi ma jaf bl-ebda problemi bil-bankini fit-triq izda li l-kunsilliera għandhom jaraw jekk hemm raġuni għalfejn in-nies "jimxu f'nofs tat-triq" [bħal m'hemm miktub fl-ittra] u jekk dan hu minħabba l-istat tal-bankini. Il-kunsilliera kollha qablu li l-bankini huma l-istess bħal dawn tat-toroq oħra tar-raħal u ma jafux għal liema problema din l-ittra qed tirreferi. Iddeċidew illi din tkun risposta għal laqgħa oħra wara li l-kunsillier jagħtu daqqa t'għajn fuq l-istat ta' dawn il-bankini.

4.4 Melita talbu permess biex jagħmlu pedestal u vault fejn il-BIS ta' Qerd in-Naħal. Il-Kunsill għamel talba biex ikollna cable għall-internet b'xejn jekk dan isir.

4.5 Il-kunsillier Publius Abdilla talab għall-informazzjoni dwar ittra li rċevejna dwar l-area ta' Ta' t'Amparell. Is-Sindku qal illi wara dan iż-żmien kollu issa rċevejna l-permess biex inħawlu fil-ġnien.

## 5. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Mozzjoni [Misraħ San Ġużepp]

5.1 Il-kunsilliera qablu mal-Minuti tal-laqgħa tal-Mozzjoni [20/12/2012] wara r-rikwest tal-kunsillier Carlo Stivala biex dawn jiġu riveduti wara li ħass illi kien hemm x'iżid ma dak illi qal hu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sema l-awdjo tal-laqgħa u żied dawk il-biċċiet illi ħass illi kienu relevanti.

## 6. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti

6.1 Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheet tal-laqgħa preċedenti wara li l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil għamel talba biex il-kontijiet illi għandhom x'jaqsmu mal-fuljett isiru fuq karta separata li ma kienx se jiffirma. Għalhekk hu, u l-kunsilliera l-oħra kollha ffirmaw il-PAS tal-karta mingħajr ħlasijiet għall-fuljett, waqt illi hu ma ffirmax il-karta fejn kien hemm il-ħlas dovut għad-distribuzzjoni tal-fuljett.

6.2 Il-kunsilliera qablu mal-PAS.

## 7. Kumitat Sportiv: Update

7.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-Kumitat qed jiltaqa spiss. Dawn huma ftit pjanijiet tal-kumitat għal ġimgħat illi ġejjin:

Zumba fil-pjazza [punt 3.12] fit-3 ta' Frar 2013.
Nirreklamaw it-turnament li se jipparteċipaw in-Nursery tagħna fih [ref 3.11].

Dwar l-attivita taz-Zumba qal illi m'aħna se noħolqu l-ebda problemi għar-residenti minħabba parking. Qal ukoll illi l-Kunsill għandu jirċievi l-Minuti tal-laqgħat tal-Kumitat.

**8. Ħwejjeġ oħra**

8.1 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna bzonn nirranġaw l-loks tal-bibien tas-Sala [ta' fejn il-palk] għax waqt il-lezzjonijiet tat-Taljan ingħalqu u ma setgħux imorru fit-toilets, jew biex jitfu d-dawl.

8.2 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi rċieva lment dwar ġrieden jiġru fl-isqaq San Pawl u Irqajja. Is-Sindku qal illi problema tal-ġrieden se nsibu kullimkien imma li se napplikaw biex jiġu tar-Rodent Control malajr kemm jista jkun.

8.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi se ssir attivita mill-grupp kreattiv u huma talbu li l-Kunsill [bħala kollaboratur u parti mill grupp] iħallas it-trasport biex imorru minn Ħal Safi sa Ċirkewwa u lura. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien diġa sema b'din it-talba u rċieva kwotazzjonijiet fejn l-irħas waħda kienet ta' €50 + VAT [€59].

8.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula irċieva suġġeriment biex f'triq Irqajja [inti ġej mill-ispizjar għall-isqaq] isir one way biex nevitaw il-perikli. Is-Sindku kien bl-ideja li aħjar isir pedestrian. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel illi b'one way insolvu l-problema. Is-Sindku qal illi nagħmluha one way fejn karozzi jistgħu jitilgħu u mhux jinzlu imma l-kunsillier Publius Abdilla qal illi hekk wieħed ħa jispiċċa ġo 'blind corner'. Is-Sindku qal illi ma tantx hemm karozzi li jagħdu minn hemm għax hemm alternattivi oħrajn madwar dawk it-toroq. Il-Viċi Sindku qal illi dak illi għamel talba jgħix f'dawk in-naħat u kwazi kellu aċċident. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi dawk illi jgħixu fejn il-grocer huma dawn illi se jsibu l-izjed perikuluzi kif qegħda t-triq bħalissa. Il-kunsilliera kollha qablu li ssir one-way, u jekk dan ma jħalli l-ebda effett posittiv, l-area ssir waħda pedonali.

7.5 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna bzonn nirranġaw il-vleġeġ mar-roundabout taċ-ċimiterju għax huma kollha ġo xulxin.

7.6 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi ltaqa mal-Head Kowċ, flimkien mas-Sindku, u ddiskutew il-futur tan-Nursery. Qal illi l-Kowċ qabel illi nibdew nirriklamaw l-istaġun li jmiss malajr kemm jista jkun. Qal ukoll illi se jaħsbu biex isibu plejers kbar illi jagħtuna permess illi nuzaw isimhom għan-Nursery tagħna u dan jiġi darba fix-xahar biex jitrejna t-tfal [dan ikun technical director]. Hu qal illi diġa rċieva minn plejer tat-tim ta' Tas-Sliema (ref għal punt nru.3.11) u qed jistenna minn plejer ieħor malti.

**8. Laqgħa li jmiss**

8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

8.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fil-11 ta' Frar 2013.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |